# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) SUPERJURI

**MAGISTRAT**
**DR ANTONIO MICALLEF TRIGONA LL.D. MAG. JUR. (EU LAW)**

**Seduta tal-lum il-Hamis 19 ta' April 2001**

Citazzjoni numru 192/00G1 (AMT)

Maria mart Michael Xerri f'isimha proprju u bhala legittima rapprezenanti ta' binha minuri David Xerri u Sarah xebba Xerri

-vs-

Dr Chris Said li b'digriet tat-12 ta' Dicembru 2000 gie nominat kuratur deputat "ad litem" sabiex jirrapaprezenta lill-assenti Michael Xerri.

Il-Qorti;

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-atturi fil-31 ta' Ottubru 2000 fejn ippremettew illi l-attrici Maria Xerri hija mart l-assenti Michael Xerri - certifikat taz-zwieg huwa hawn anness u markat bhala dokument A - u l-atturi Sarah, xebba u David ahwa Xerri, huma lkoll ulied l-imsemmi Mikieli Xerri u l-istess attrici Maria Xerri nee' Cauchi - certifikat tat-twelid taghhom hawn anness u markat bhala dokument B u C rispettivament.

Illi l-imsemmi Michael Xerri, iben il-mejjet Joseph Xerri u Maria nee' Portelli, certifikat tat-twelid tieghu hawn anness u markat bhala dokument E, imwieled ir-Rabat, Ghawdex, u li kien residenti Victoria Ghawdex, ilhu nieqes minn dawn il-Gzejjer sa mit-tlieta u ghoxrin (23) ta' Settembru elf disa' mija u disghin (1990) u hadd mill-atturi ma sema' xejn aktar dwar l-

esistenza o meno ta' l-imsemmi Michael Xerri minkejja li ghamlu kull indagni biex isiru jafu x'gara minnu u anke kienet saret inkjesta mill-Magistrat Inkwirenti;

Jghid ghalhekk il-konvenut nomine l-ghaliex m'ghandhiex dina l-Qorti:

1. tiddikjara ai termini ta' l-Artikolu 223 tal-Kodici Civili (Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta) illi Michael Xerri ilu assenti minn dawn il-Gzejjer ghal zmien ta' ghaxar (10) snin kontinwi mid-data ta' l-ahhar ahbar dwaru;

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni ta' l-istess konvenut nomine ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa huwa mharrek.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-attrici, l-lista ta' xhieda u d-dokumenti hemm prezentati.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-kuratur ad litem, l-Avukat Dr Chris Said li ecepixxa:

1. li mhuwiex edott mill-fatti li taw lok ghal dina l-kawza u ghalhekk jirrimetti ruhhu ghall-provi migjuba;

2. Salvi eccezzjonijiet ohra fid-dritt u fil-fatt;

Rat id-dikjarazzjoni annessa u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat il-verbal taghha tas-27 ta' Marzu 2001;

Rat l-atti kollha komprizi d-dokumenti;

Ikkunsidrat:

Il-provi huma tali li ma jhallu ebda dubbju dwar is-susistenza tal-fatti reklamati mill-atturi. Jinsab ezawrijentement pruvat li l-assenti Michael Xerri, zewg l-attrici u missier il-minuri, ilhu tul dawn l-ahhar ghaxar snin, assenti, presumibilment mejjet, b'kawza accidentali, fil-waqt li fit-23 ta' Settembru 1990 hu hareg jistad wahdu fuq il-frejgatina tieghu u naqas li jirritorna lura ghalkemm kienet instabet il-frejgatina titkisser mal-blat fil-bajja tax-Xwejni f'Ghawdex. Minn dakinhar u kontinwament tul dawn l-ghaxar snin ebda ahbar tieghu ma gietx maghrufa.

Ghalhekk tiddeciedi li tilqa' t-talba attrici b'dan li ai termini ta' l-Artikolu 223 tal-Kodici Civili (Kap 16) tiddikjara illi Michael Xerri ilhu assenti minn dawn il-Gzejjer ghal zmien ta' ghaxar snin kontinwi mid-data ta' l-ahhar ahbar dwaru.

Spejjez, fic-cirkostanzi, jibqghu bla taxxa.

(ft.) A. Micallef Trigona
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

Ghar-Registratur